Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Novembru 2022**
**(OR. en)**

**14495/22**

**SOC 614**
**EMPL 420**
**ANTIDISCRIM 112**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol<br>- *Approvazzjoni* |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż abbozz ta' sett ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol, imħejji mill-Presidenza. L-abbozz ta' konklużjonijiet ġie diskuss matul żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali u kien soġġett għal konsultazzjoni informali bil-miktub tad-delegazzjonijiet (ST 14058/22). It-test ippreżentat fl-Anness jirrifletti t-test maqbul mid-delegazzjonijiet permezz ta' dik il-konsultazzjoni informali bil-miktub, bl-unika differenza tkun in-numri tal-paragrafi, li ġew organizzati f'ordni sekwenzjali.

Il-Kumitat huwa mistieden jikkonferma l-qbil milħuq fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma u jibgħat l-abbozz ta' konklużjonijiet mehmuż għal-laqgħa tal-Kunsill (EPSCO) fit-8 ta' Diċembru 2022 għall-approvazzjoni.

**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill**

**dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol**

**FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI**

1. L-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u hija impenjata li tiġġieled id-diskriminazzjoni, inkluż dik abbażi ta' diżabbiltà, kif jinsab fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. L-UE hija impenjata wkoll li trawwem livell għoli ta' impjiegi.

2. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), li kien proklamat b'mod konġunt fl-2017 mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt għal opportunitajiet indaqs (prinċipju 3), għal appoġġ attiv għall-impjiegi (prinċipju 4), għal ambjent tax-xogħol u protezzjoni tad-data tajbin għas-saħħa, siguri u adattati (prinċipju 10), u għal aċċess għal servizzi essenzjali (prinċipju 20). L-EPSR jiddikjara wkoll li l-persuni b'diżabbiltà għandhom id-dritt għal appoġġ għall-introjtu li jiżgura l-għajxien tagħhom b'dinjità, għal servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà u għal ambjent tax-xogħol adattat għall-ħtiġijiet tagħhom (prinċipju 17). Il-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSR tal-4 ta' Marzu 2021 jagħti tliet miri ewlenin tal-UE li għandhom jintlaħqu sal-2030, sabiex jiżdiedu l-impjiegi u l-parteċipazzjoni fit-taħriġ kif ukoll sabiex jonqos l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali. Dawn il-miri ewlenin intlaqgħu tajjeb mill-mexxejja tal-UE fid-Dikjarazzjoni ta' Porto u fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSR irrikonoxxa wkoll il-kontribut tal-persuni b'diżabbiltà fil-kisba tal-miri tal-2030, fost l-oħrajn billi ppropona indikatur ewlieni ġdid dwar id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali.

3. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD). Maġġoranza kbira tal-Istati Membri rratifikaw ukoll il-Protokoll Fakultattiv tagħha, adottat fit-13 ta' Diċembru 2006 mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. L-Artikolu 27 tal-UNCRPD jistabbilixxi d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà li jaħdmu fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor f'suq tax-xogħol miftuħ u inklużiv[1].

4. Id-Direttiva 2000/78/KE tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet varji, fosthom id-diżabbiltà, fir-rigward tal-impjieg u l-okkupazzjoni, bil-ħsieb li l-prinċipju ta' trattament indaqs isir effettiv fl-Istati Membri. L-iżgurar ta' aċċess ugwali għall-impjieg, il-forniment ta' akkomodazzjoni raġonevoli fuq il-post tax-xogħol u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' diżabbiltà huma miżuri ewlenin biex jitrawmu impjiegi inklużivi u sostenibbli għal persuni b'diżabbiltà.

5. Id-Direttiva 2019/882, l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà, adottata fl-2019, tirrikjedi li ċerti prodotti u servizzi mqiegħda fis-suq Ewropew ikunu aċċessibbli, biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-ħajja indipendenti tal-persuni b'diżabbiltà u s-soċjetà u s-suq tax-xogħol ikunu jistgħu jsiru aktar inklużivi.

1 L-interpretazzjoni tal-Artikolu 27 hija spjegata fil-Kumment Ġenerali Nru 8 dwar id-dritt għax-xogħol u għal impjieg, ippubblikat fid-9 ta' Settembru 2022 mill-Kumitat tan-NU dwar ir-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà.

6. Il-Kummissjoni Ewropea wiegħdet li toħloq Unjoni ta' Ugwaljanza, li għaliha l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030, adottata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Marzu 2021, tagħti kontribut importanti. L-istrateġija għandha l-għan li ttejjeb il-ħajja tal-persuni b'diżabbiltà fl-UE u lil hinn minnha, filwaqt li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-UNCRPD kif ukoll il-prinċipji tal-EPSR. L-Istrateġija għandha wkoll l-għan li trawwem l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità u sostenibbli u tindika li l-parteċipazzjoni fl-impjieg hija l-aħjar mod biex jiġu żgurati l-awtonomija ekonomika u l-inklużjoni soċjali. Tappella lill-Istati Membri biex sal-2024 jistabbilixxu, fost affarijiet oħra, miri għaż-żieda fir-rata tal-impjieg għall-persuni b'diżabbiltà u għat-tnaqqis fid-differenzi fir-rati tal-impjieg bejn il-persuni b'diżabbiltà u dawk li m'għandhomx diżabbiltà sabiex jgħinu jintlaħqu l-miri ewlenin tal-2030 għall-impjiegi proposti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSR.

7. Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2021, il-Kunsill laqa' u approva l-Istrateġija tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030, u jistieden lill-Istati Membri biex, fost l-oħrajn, ikomplu jiżviluppaw u jaġġornaw l-istrateġiji u l-politiki nazzjonali tagħhom sabiex jimplimentaw l-UNCRPD f'konformità, kif jixraq, mal-Istrateġija.

8. Il-Pakkett dwar l-Impiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà, inizjattiva emblematika fil-qafas tal-Istrateġija għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030, fih sett ta' miżuri mhux vinkolanti (inkluż linji gwida u eżempji ta' azzjoni pożittiva), immirati lejn it-titjib tal-eżiti tas-suq tax-xogħol għal persuni b'diżabbiltà. Ikopri sitt oqsma ta' azzjoni: it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-servizzi tal-impjiegi u tal-integrazzjoni; il-promozzjoni ta' perspettivi ta' reklutaġġ permezz ta' azzjoni affermattiva u l-ġlieda kontra l-isterjotipi; l-iżgurar ta' akkomodazzjoni raġonevoli fuq ix-xogħol; iż-żamma ta' persuni b'diżabbiltà fl-impjieg; il-prevenzjoni ta' diżabilitajiet assoċjati ma' mard kroniku; l-iżgurar ta' skemi ta' riabilitazzjoni vokazzjonali f'każ ta' mard jew inċidenti, u; l-esplorazzjoni ta' impjiegi ta' kwalità f'impjiegi protetti, u perkorsi lejn is-suq tax-xogħol miftuħ.

**FILWAQT LI JISSOTTOLINJA LI**

9. Hemm differenza konsiderevoli bejn ir-rata tal-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà u persuni mingħajr diżabbiltà (differenza ta' 24.2 punt perċentwali, 50.8 % għall-persuni b'diżabbiltà vs 75 % għall-persuni mingħajr diżabbiltà[2]). Is-sitwazzjoni hija saħansitra agħar għan-nisa b'diżabbiltà, li 48.3 % minnhom biss għandhom impjieg, meta mqabbla ma' 53.9 % tal-irġiel b'diżabbiltà[3]. Ir-rata tal-qgħad tal-persuni b'diżabbiltà fl-UE hija ta' 17.1 % meta mqabbla ma' 10.2 % tal-persuni mingħajr diżabbiltà, u r-rata ta' attività tal-persuni b'diżabbiltà hija biss ta' 61.0 % meta mqabbla ma' 82.3 % għall-persuni mingħajr diżabbiltà. Il-persuni b'diżabbiltà jħabbtu wiċċhom ma' aktar diffikultajiet biex isibu impjieg u għalhekk huwa aktar probabbli li jispiċċaw qiegħda jew inattivi fit-tul. Meta jkunu impjegati, il-persuni b'diżabbiltà sikwit jaħdmu f'impjiegi protetti, aktar milli fis-suq tax-xogħol miftuħ[4], jew f'impjiegi bi kwalifiki aktar baxxi, imħallsa anqas (kif tixhed id-differenza annwali medja ta' 16 % bejn il-pagi) u b'anqas sigurtà u b'anqas aċċess għall-opportunitajiet ta' taħriġ, li jqegħedhom f'riskju ogħla ta' faqar fost dawk li jaħdmu. Barra minn hekk, il-kriżi tal-COVID-19 affettwat b'mod sproporzjonat lill-persuni b'diżabbiltà, u f'ħafna każijiet xekklet il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, pereżempju għaliex is-soluzzjonijiet tat-telexogħol ma kinux biżżejjed.

10. It-trawwim tal-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà f'impjiegi ta' kwalità huwa kruċjali biex jiġi żgurat suq tax-xogħol inklużiv u li jiffunzjona tajjeb. Fil-kuntest attwali ta' tnaqqis demografiku kif ukoll ta' nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet, l-isfruttar tal-potenzjal li għandhom il-persuni b'diżabbiltà huwa wkoll mod kif tinkiseb rata ġenerali ogħla ta' impjieg skont il-mira tal-impjiegi li tinsab fil-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSR. Dan huwa rilevanti wkoll fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, li joffru opportunitajiet ġodda ta' impjieg għall-persuni b'diżabbiltà.

---

2 Sors tad-data: Eurostat. Kummissjoni Ewropea (2021): European Comparative data on Europe 2020

3 Sors tad-data: Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2021, L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (europa.eu)

4 Il-Kummissjoni Ewropea u l-Grupp ta' Livell Għoli dwar id-Diżabbiltà (2016): It-Tmien Rapport mill-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar id-Diżabbiltà dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà

11. Għall-persuni b'diżabbiltà, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità huma ta' importanza partikolari bħala vetturi li jwasslu għall-inklużjoni soċjali u l-indipendenza finanzjarja. Madankollu, il-persuni b'diżabbiltà, speċjalment in-nisa, għadhom iħabbtu wiċċhom ma' varjetà ta' ostakli biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol miftuħ u jżommu impjieg formali. Dawn l-ostakli jikkonċernaw lin-naħa tad-domanda (pereżempju d-diskriminazzjoni, l-istigma, ideat żbaljati fir-rigward tal-ispejjeż tal-aġġustament tal-post tax-xogħol u tal-forniment ta' akkomodazzjoni raġonevoli, in-nuqqas ta' informazzjoni jew ta' sensibilizzazzjoni dwar l-appoġġ disponibbli) u anke lin-naħa tal-provvista (pereżempju l-livell ta' edukazzjoni u tal-ħiliet, il-ħtieġa ta' appoġġ personalizzat inkluż fit-tfittxija għax-xogħol u l-biża' mill-istigmatizzazzjoni), kif ukoll fatturi kuntestwali u istituzzjonali (id-diskriminazzjoni abbażi tad-diżabbiltà, ostakli fl-aċċess fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, inkluż għal servizzi essenzjali bħat-trasport, kif ukoll għall-ambjent mibni u l-ambjent diġitali u l-fatt li ħaddiema b'diżabbiltà ma jistgħux iżommu l-aċċess għall-allowance tad-diżabbiltà meta impjegati).

12. Il-persuni b'diżabbiltà huma grupp varjat u eteroġenju ħafna. Xi kultant iħabbtu wiċċhom ma' aktar minn forma waħda ta' diskriminazzjoni u xi wħud għandhom bżonnijiet kumplessi, li jeħtieġu approċċ personalizzat u appoġġ imfassal għal sitwazzjonijiet speċifiċi individwali. Sabiex il-persuni jitqabblu ma' impjiegi xierqa, jeħtieġ li jiġu vvalutati l-bżonnijiet ta' kull individwu, inkluż f'termini tad-diżabbiltà tagħhom, l-appoġġ li jeħtieġu fuq il-post tax-xogħol, il-prospetti ta' żvilupp tal-karriera tagħhom, kif ukoll il-bżonnijiet tagħhom ta' appoġġ soċjali. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, b'kont meħud tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tad-dimensjoni intersezzjonali. L-edukazzjoni inklużiva u servizzi soċjali adegwati, servizzi effettivi ta' impjieg, fosthom l-azzjoni affermattiva, l-akkomodazzjoni raġonevoli fuq il-post tax-xogħol, ir-riabilitazzjoni vokazzjonali u l-impjieg protett huma kollha fatturi importanti li jaqdu rwol biex jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jistgħu jaċċessaw u jipparteċipaw fis-suq miftuħ tax-xogħol.

13. Is-servizzi soċjali għandhom jintużaw bħala għodda ta' inklużjoni attiva, billi l-aċċess adegwat għal servizzi soċjali ta' kwalità, inklużivi u aċċessibbli huwa prekondizzjoni li tippermetti persuni b'diżabbiltà li jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq tax-xogħol. Il-provvista personalizzata ta' servizzi ta' inklużjoni soċjali, bħall-konsulenza, mentoraġġ, ħidma soċjali kif ukoll appoġġ, għandhom ikunu offruti lill-persuni b'diżabbiltà sabiex jegħlbu s-sitwazzjoni soċjali avversa, iżidu l-impjegabbiltà tagħhom u jsibu impjieg. Barra minn hekk, miżuri individwalizzati u servizzi ta' appoġġ, bħall-għajnuna personali, it-trasport u s-servizzi ta' interpretazzjoni għandhom ikunu disponibbli meta meħtieġa biex jiżguraw aċċess ugwali għall-impjiegi. Is-servizzi tal-impjiegi għandhom jagħtu appoġġ bħal gwida u konsulenza, medjazzjoni tal-impjiegi, ergodijanjostika, taħriġ mill-ġdid u gwida għall-karriera, kif ukoll kooperazzjoni mal-impjegaturi u l-iskejjel, b'mod partikolari l-impjegaturi u l-iskejjel lokali li jipprovdu edukazzjoni lill-persuni b'diżabbiltà. Huwa meħtieġ li l-iżvilupp tas-servizzi soċjali u ta' integrazzjoni jiġi appoġġat sistematikament sabiex ikollhom il-kapaċità u l-fondi adegwati.

14. Sabiex l-eżiti tas-suq tax-xogħol jitjiebu għall-persuni b'diżabbiltà, jeħtieġ li jiġu promossi sinerġiji u kooperazzjoni bejn is-servizzi, il-fornituri u l-atturi rilevanti kollha, inkluż is-servizzi tas-saħħa u tar-riabilitazzjoni, is-servizzi soċjali, is-servizzi tal-impjieg, l-impjegaturi, is-sħab soċjali, l-NGOs, l-organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà, l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, l-iskejjel u l-muniċipalitajiet. Il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-livell reġjonali u lokali hija ta' importanza partikolari wkoll.

15. L-ekonomija soċjali tikkomplementa l-azzjoni tal-Istati Membri biex jingħataw servizzi soċjali ta' kwalità, u għaldaqstant taqdi rwol kruċjali biex tiffaċilita il-parteċipazzjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabbiltà. L-intrapriżi soċjali, b'mod partikolari, jistgħu jippromwovu ċ-ċittadinanza attiva u huma eżempju eċċellenti ta' "ekonomija għas-servizz tan-nies". Dawn joffru opportunitajiet għat-titjib tal-ħiliet, u b'hekk jappoġġaw lill-persuni b'diżabbiltà fit-tħejjija għas-suq tax-xogħol miftuħ u l-parteċipazzjoni fih. Sabiex tiġi promossa l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabbiltà, huwa importanti li jitrawmu l-intrapriżi soċjali u li jsir użu sħiħ mill-potenzjal tagħhom li jaġixxu ta' pont minn impjieg protett ta' kwalità għas-suq tax-xogħol miftuħ.

16. L-aċċess għas-suq tax-xogħol miftuħ għall-persuni b'diżabbiltà għandu jiġi promoss permezz ta' diversi għodod, bħall-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-impjegaturi, it-tnaqqis tat-taxxa, l-inċentivi għar-reklutaġġ u l-kwoti. Bosta Stati Membri stabbilew sistema ta' kwoti li tobbliga lill-impjegaturi li jew jirreklutaw proporzjon minimu ta' persuni b'diżabbiltà jew iġarrbu spiża monetarja, pereżempju fil-forma ta' penali. L-isfida biex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema tal-kwoti tinsab fil-bilanċ li jrid jinstab bejn il-motivazzjoni tal-impjegaturi biex iġarrbu l-ispejjeż addizzjonali potenzjali għall-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà u l-ispiża monetarja talli ma jilħqux il-kwota. Ir-reklutaġġ għandu jiġi promoss ukoll billi jiġu miġġielda l-isterjotipi u l-ideat żbaljati, bħal dawk li jirrigwardaw l-ispejjeż amministrattivi, l-assenzi u l-prestazzjoni limitata, kif ukoll billi tingħata informazzjoni lill-impjegaturi dwar l-appoġġ disponibbli, billi tiġi promossa l-kondiviżjoni ta' prattiki tajba, permezz ta' premji tad-diversità, fost affarijiet oħra. It-tranżizzjoni mill-inattività ekonomika għall-impjieg għandha tkun appoġġata b'sistemi ta' sigurtà soċjali inklużivi u m'għandhiex twassal għal tnaqqis fil-benefiċċji tad-diżabbiltà li jikkumpensaw għall-ispejjeż żejda tal-għajxien minħabba d-diżabbiltà.

17. Prattiki bħall-adattament tal-postijiet tax-xogħol u l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, pereżempju permezz ta' xogħol part time, huma effettivi ħafna għall-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol miftuħ. Matul il-pandemija tal-COVID-19, kien hemm użu dejjem akbar ta' forom flessibbli ta' xogħol, b'mod partikolari t-telexogħol. Dawn il-prattiki, u b'mod ġenerali l-użu ta' soluzzjonijiet u għodod tal-IT aċċessibbli u inklużivi, għandhom jiġu promossi bħala mezz biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-persuni b'diżabbiltà u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' kondizzjonijiet tax-xogħol li jwasslu aktar għall-parteċipazzjoni indaqs tal-persuni b'diżabbiltà. L-impjegaturi, speċjalment in-negozji żgħar u ta' daqs medju, għandhom jiġu appoġġati, meta jkun meħtieġ, fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-prattiki u l-organizzazzjoni tax-xogħol tagħhom. Huwa essenzjali li l-impjegaturi jirċievu appoġġ, inkluż appoġġ finanzjarju, biex jipprovdu akkomodazzjoni raġonevoli fuq il-post tax-xogħol, u d-dar fil-każ tat-telexogħol, u għall-akkwist ta' tagħmir meħtieġ, bħal għodod ta' komunikazzjoni aċċessibbli u inklużivi, soluzzjonijiet teknoloġiċi u software. Għandhom jiġu żgurati wkoll kondizzjonijiet xierqa ta' saħħa u sikurezza.

18. Huwa importanti li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom aċċess għal servizzi komprensivi ta' riabilitazzjoni li jappoġġaw il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, jgħinu fil-prevenzjoni ta' problemi psikoloġiċi u tal-esklużjoni soċjali, jappoġġaw l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u jrawmu l-iżvilupp ta' ħiliet, inkluż ħiliet fl-IT. Sabiex jiġi żgurat il-forniment effiċjenti u f'waqtu ta' dawn is-servizzi huwa meħtieġ li jiġu promossi rabtiet u sinerġiji fost is-servizzi tal-impjiegi, tas-saħħa, soċjali u ta' riabilitazzjoni tax-xogħol, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' trattament ta' każijiet individwali. Ir-riżultati ta' riabilitazzjoni komprensiva, li jwasslu għal titjib fil-kapaċità tax-xogħol bl-għan li jinkiseb impjieg ta' kwalità, jistgħu jitqiesu qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-għoti ta' pensjoni ta' diżabbiltà/invalidità.

19. Ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) għandu l-għan li jippromwovi l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor u li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw l-UNCRPD. Barra minn hekk, l-FSE+ għandu l-għan li jippromwovi l-impjieg permezz ta' interventi attivi li jippermettu l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, għal persuni qiegħda għal żmien twil, għall-gruppi żvantaġġati u għall-persuni inattivi, kif ukoll permezz tal-promozzjoni tal-impjieg indipendenti u l-ekonomija soċjali. Jenħtieġ ukoll li l-FSE+ jagħti kontribut biex jiżgura l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà bil-ħsieb li tittejjeb l-inklużjoni fl-impjieg, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ u b'hekk isaħħaħ l-inklużjoni ta' dawk il-persuni fl-isferi kollha tal-ħajja.

20. Il-Konferenza dwar l-Integrazzjoni ta' Persuni b'Diżabbiltà fis-Suq tax-Xogħol, imlaqqa' mill-Presidenza Ċeka fi Praga fl-20 u l-21 ta' Settembru 2022, u li fiha l-Kummissjoni varat il-Pakkett Ewropew għall-Impjiegi ta' Persuni b'Diżabbiltà, ikkonfermat ir-rilevanza tas-sitt oqsma ewlenin tal-Pakkett. Il-parteċipanti enfasizzaw l-importanza li jiżdied l-għadd ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol. Saħqu wkoll, fost l-oħrajn, fuq il-ħtieġa li jipprovdu opportunitajiet ta' taħriġ vokazzjonali lill-persuni b'diżabbiltà, b'enfasi fuq il-ħiliet tal-IT, inkluż l-użu tat-teknoloġiji diġitali. Fid-dawl tad-diskussjonijiet li saru fil-konferenza, jidher ċar li d-diversità tal-bżonnijiet tal-persuni b'diżabbiltà jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta u l-motivazzjoni tagħhom jenħtieġ li tiġi indirizzata kif xieraq. Il-miżuri li jinsabu fil-Pakkett huma mmirati l-ewwel u qabel kollox lejn l-impjegaturi. Għaldaqstant, il-konferenza kkonfermat l-importanza tal-appoġġ lill-impjegaturi fuq is-suq miftuħ fl-isforzi tagħhom li jirreklutaw u jżommu jaħdmu magħhom persuni b'diżabbiltà. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jiġi rikonoxxut u promoss ir-rwol tal-impjegaturi fis-suq tax-xogħol protett kif ukoll tal-intrapriżi soċjali fl-appoġġ tal-inklużjoni u t-tranżizzjoni progressivi lejn is-suq tax-xogħol miftuħ.

21. Dan is-sett ta' Konklużjonijiet jibni fuq il-ħidma preċedenti u l-impenji politiċi mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, SKONT IL-KOMPETENZI NAZZJONALI, U B'KONT MEĦUD TAĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI, BIEX:**

22. Jimplimentaw linji gwida u azzjonijiet rilevanti inklużi fil-Pakkett dwar l-Impjieg għall-Persuni b'Diżabbiltà, imressaq mill-Kummissjoni b'kollaborazzjoni mal-Pjattaforma tad-Diżabbiltà u mas-sħab soċjali, u jappoġġaw, fejn rilevanti, l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali, ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2021.

23. Jiżviluppaw metodi għall-immaniġġar tal-każijiet biex jappoġġaw persuni b'diżabbiltà fi triqthom lejn is-suq tax-xogħol miftuħ, inkluż il-kooperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi tal-impjiegi, l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabbiltà, is-servizzi tas-saħħa, l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, is-servizzi soċjali u s-servizzi tar-riabilitazzjoni vokazzjonali.

24. Jappoġġaw miżuri biex jiżguraw il-prevenzjoni tar-riskji għall-persuni b'diżabbiltà fuq il-post tax-xogħol, speċjalment fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà u kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni jew abbuż.

25. Jużaw il-potenzjal tal-intrapriżi soċjali li għandhom għarfien espert fl-integrazzjoni u l-kombinazzjoni ta' approċċi soċjali u intraprenditorjali, għall-appoġġ tal-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol.

26. Joħolqu u jsaħħu networks ta' kooperazzjoni reġjonali li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati u l-atturi kollha bi rwol fil-promozzjoni tal-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà.

27. Jiżviluppaw sistemi u inċentivi effiċjenti u effikaċi biex iħeġġu lill-impjegaturi fis-suq tax-xogħol miftuħ jimpjegaw persuni b'diżabbiltà u b'hekk inaqqsu d-differenza fil-pagi bejn il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni mingħajr diżabbiltà, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tas-sħab soċjali.

28. Jippromwovu u jappoġġaw l-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà fis-settur pubbliku, inkluż billi jiġu żgurati postijiet tax-xogħol aċċessibbli u inklużivi.

29. Jappoġġaw l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tal-persuni b'diżabbiltà, b'kont meħud tal-progress teknoloġiku fl-iżvilupp tal-ħiliet tal-IT tagħhom.

30. Irawmu l-iżvilupp ta' ħiliet ta' aċċessibbiltà minn professjonisti diġitali sabiex il-prodotti u s-servizzi diġitali jsiru aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà bir-riżultat li l-postijiet tax-xogħol isiru aktar inklużivi.

31. Iqisu li jivvalutaw (mill-ġdid) regolarment l-eżiti tar-riabilitazzjoni komprensiva tal-persuni b'diżabbiltà fir-rigward tal-kapaċità tagħhom għax-xogħol qabel ma possibbilment jagħtu l-pensjonijiet ta' diżabbiltà/invalidità, inkluż lil dawk li qed jaħdmu.

32. Jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tal-persuni b'diżabbiltà mir-riabilitazzjoni soċjali u vokazzjonali lejn is-suq tax-xogħol, inkluż billi jistabbilixxu sistema li twieġeb għall-bżonnijiet individwali għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u r-riabilitazzjoni tax-xogħol.

33. Jippromwovu l-użu tal-għodod kollha disponibbli, b'mod partikolari l-gwida għall-karriera, il-valutazzjoni tal-kapaċità għax-xogħol u t-taħriġ dwar akkomodazzjoni raġonevoli, sabiex jiġu identifikati l-bżonnijiet konkreti tal-persuni b'diżabbiltà bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-impjieg tagħhom fis-suq tax-xogħol miftuħ.

34. Jistinkaw biex jiżguraw li l-politiki ta' protezzjoni soċjali jikkontribwixxu effettivament biex jiffaċilitaw l-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà, inkluż fejn xieraq permezz ta' kumpens għall-ispejjeż żejda marbuta mad-diżabbiltà anke għal dawk li huma impjegati, filwaqt li jipprovdu wkoll standard ta' għajxien deċenti u l-appoġġ kollu meħtieġ lil dawk barra mis-suq tax-xogħol u li ser jibqgħu hekk.

35. Jużaw l-istrumenti ta' finanzjament disponibbli tal-UE, b'mod partikolari l-FSE+, sabiex jappoġġaw l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol, pereżempju billi jtejbu l-aċċessibbiltà u l-inklużività tas-servizzi ta' impjieg u ta' gwida tal-karriera u billi jippromwovu perkorsi integrati għall-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol.

36. Jikkunsidraw politiki fl-oqsma kollha koperti mill-Istrateġija għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030 sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-appelli lill-Istati Membri li fiha. Dawn l-appelli jikkonċernaw:

- l-istabbiliment sal-2024 ta' miri għaż-żieda fir-rata tal-impjieg għall-persuni b'diżabbiltà u għat-tnaqqis fid-differenzi fir-rati tal-impjieg bejn il-persuni b'diżabbiltà u dawk li m'għandhomx diżabbiltà sabiex jgħinu tintlaħaq il-mira ewlenija tal-2030 tal-UE għall-impjiegi mressqa fil-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSR;

- it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-servizzi tal-impjieg għall-persuni b'diżabbiltà u t-titjib tal-ħidma mas-sħab soċjali u mal-organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà għal dak il-għan;

- l-iffaċilitar tal-impjieg indipendenti u l-intraprenditorija, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà intellettwali u psikosoċjali billi jingħata appoġġ fi kwistjonijiet legali u kummerċjali, bl-użu tal-fondi tal-UE, fost affarijiet oħra.

- l-istabbiliment ta' miri għall-parteċipazzjoni tal-adulti b'diżabbiltà fit-tagħlim bil-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom, u jiġi żgurat li l-istrateġiji nazzjonali għall-ħiliet ikopru l-bżonnijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabbiltà, sabiex jgħinu tintlaħaq il-mira li tinsab l-Aġenda għall-Ħiliet u fil-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSR.

37. jgħinu fl-implimentazzjoni u t-tixrid, fejn rilevanti, tar-riżultati konkreti tal-Pakkett dwar l-Impjieg għall-Persuni b'Diżabbiltà fil-livell nazzjonali u fost l-atturi rilevanti kollha sabiex jiġi mmassimizzat l-effett ta' dik l-inizjattiva.

**JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX**

38. Tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fl-oqsma tal-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-faqar u l-esklużjoni soċjali anke fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lin-nisa b'diżabbiltà u, sa fejn ikun possibbli, lill-persuni li jħabbtu wiċċhom ma' aktar minn forma waħda ta' diskriminazzjoni.

39. Tappoġġa u timmonitorja l-implimentazzjoni tal-inizjattivi stabbiliti fil-Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà.

40. Tappoġġa u timmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri rilevanti li jinsabu fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali li huma fil-kompetenza tagħha.

41. Tappoġġa u tiffaċilita t-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattika tajba fil-qasam tal-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol.

42. Permezz tal-programmi eżistenti tappoġġa l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-persuni b'diżabbiltà, b'mod partikolari fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni.

43. Jgħin fit-tixrid tal-għodod u l-linji gwida prattiċi tal-Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà.

44. Tkompli tappoġġa l-ħidma tal-Pjattaforma tad-Diżabbiltà sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u tippromwovi skambji bejn il-partijiet ikkonċernati kollha fil-livell Ewropew.

**JISTIEDEN LILL-KUMITAT TAL-IMPJIEGI (EMCO) U LILL-KUMITAT TAL-PROTEZZJONI SOĊJALI (KPS) BIEX**

45. Ikomplu jqisu l-qasam tal-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà meta jimmonitorjaw l-impjiegi u l-iżvilupp soċjali fl-UE, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

**Referenzi**

1. UE Interistituzzjonali

Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_en.pdf

Summit Ewropew dwar l-Inklużjoni 2020: Dikjarazzjoni mir-Rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE tal-interessi tal-persuni b'diżabbiltà.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (6649/21 + ADD 1 + ADD 2)

Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali (14890/21 + ADD 1)

2. Leġiżlazzjoni tal-UE

Direttiva 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16-22)

Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi. (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70-115.)

Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17-75.)

3. Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030 (9749/1/21 REV 1)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea (6795/21)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar It-titjib tal-impjieg ta' persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol; (14646/19)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabbiltà. (ĠU C 192, 7.6.2019, pp. 18-22)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija tal-Benesseri (13432/19)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabbiltà 2010-2020 (11843/11)

4. Il-Kummissjoni Ewropea

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM (2010) 636 final): Strateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010-2020.

Kummissjoni (SWD(2020) 291 final): Evalwazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010-2020.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM (2021) 101 final): Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali (2021)

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (6649/21 + ADD 1 + ADD 2)

5. Parlament Ewropew

Riżoluzzjoni tal-PE dwar l-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol fid-dawl tal-UNCRPD

6. Nazzjonijiet Uniti

Assemblea Ġenerali tan-NU, Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà: riżoluzzjoni / adottata mill-Assemblea Ġenerali, 24 ta' Jannar 2007, A/RES/61/106, disponibbli: https://www.refworld.org/docid/45f973632.html